



SOMMARJU EŻEKUTTIV – RAPPORT TAL-2019 DWAR L-ISTATUS TAL-KSUR TAD- DPI

Għaliex id-Drittijiet tal-PI huma importanti, il-ksur tad-DPI u l-ġlieda kontra l-falsifikazzjoni u l-piraterija

Dan ir-rapport jiġbor flimkien is-sejbiet tar-riċerka mwettqa f'dawn l-aħħar snin mill-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO), permezz tal-Osservatorju Ewropew dwar il-Ksur tad-Drittijiet tal-Proprietà Intellettwali (Osservatorju), dwar il-firxa, il-kamp ta' applikazzjoni u l-konsegwenzi ekonomiċi tal-ksur tad-Dritt tal-Proprietà Intellettwali (IPR) fl-UE. L-evidenza dwar il-valur ekonomiku tad-DPI fl-ekonomija tal-UE, il-punt sa fejn dan il-valur jiġi sfruttat, il-mekkaniżmi ta' ksur li jintużaw biex jiġu koperti dak il-valur u l-azzjonijiet li qed jittieħdu b'reazzjoni għal dawn l-isfidi huma deskritti u diskussi.

Fi studju li twettaq bi sħubija mal-Uffiċċju Ewropew tal-Privattivi (UEP), l-EUIPO sab li l-kontribuzzjoni totali tal-industriji li jagħmlu użu intensiv mid-DPI għall-ekonomija tal-UE tammonta għal madwar 42 % tal-PDG (EUR 5.7 triljun) u 28 % tal-impjegi (flimkien ma' 10 % oħra f'effetti indiretti fuq l-impjegi f'setturi li ma jagħmlux użu intensiv mid-DPI). Dawk is-setturi jiġġeneraw ukoll bilanċ kummerċjali pożittiv ta' madwar EUR 96 biljun mal-bqija tad-dinja u jħallsu lill-ħaddiema tagħhom salarji li huma 46 % ogħla mis-setturi l-oħrajn.

Minħabba l-valur għoli assoċjat mad-DPI, il-ksur ta' dawk id-drittijiet huwa attività kriminali li tħalli ħafna qligħ u li tiġġenera spejjeż sinifikanti għas-sidien tad-drittijiet u għall-ekonomija inġenerali.

Skont studju li twettaq mill-EUIPO u l-OECD fl-2019, l-istimi tal-ksur tad-DPI fil-kummerċ internazzjonali fl-2016, jistgħu jilħqu madwar 3.3 % tal-kummerċ dinji. Sa 6.8 % tal-importazzjonijiet tal-UE, jew EUR 121 biljun fis-sena, jikkonsistu fi prodotti foloz. Iż-żewġ settijiet ta' ċifri huma ferm ogħla minn dawk misjuba fl-istudju minn żewġ organizzazzjonijiet ippubblikati fl-2016, u dan jindika li l-problema kibret b'mod aktar serju f'dawn l-aħħar snin.

F'serje ta' studji settorjali, l-EUIPO għamel stima ta' bejgħ mitluf fi 11-il settur fl-UE (direttament fl-industriji li qegħdin jiġu analizzati u tul il-katina tal-provvista assoċjata tagħhom), bħala riżultat ta' falsifikazzjoni. Dan it-telf kien jammonta għal aktar minn EUR 92 biljun fis-sena matul il-perjodu 2012–2016.

Valur abbondanti, sentenzi mhux ħorox u redditu għoli fuq l-investiment flimkien jagħmluha attraenti għall-gruppi kriminali biex jinvolvu ruħhom f'attivitajiet ta' falsifikazzjoni. Il-modus operandi ta' tali gruppi qed isir dejjem aktar kumpless hekk kif il-mezzi tat-teknoloġija u d-distribuzzjoni qed jevolvu id f'id mal-firxa ta' prodotti li jiġu ffalsifikati.

Il-mudelli kummerċjali adottati minn dawk li jiffalsifikaw jagħmlu użu sinifikanti mill-internet biex iqassmu l-prodotti tagħhom u jipromwovu d-distribuzzjoni u l-konsum ta' kontenut diġitali illegali. Is-siti tal-internet li jbigħu oġġetti ffalsifikati jibbenefikaw minn dħul mir-reklamar addizzjonali kemm minn reklami b'“riskju għoli” (tal-adulti, tal-logħob (gaming) u malwer) kif ukoll, paradossalment, minn ditti leġittimi, li b'riżultat ta' dan isofru b'żewġ modi mir-reklamar fuq tali siti (f'sara lid-ditta tagħhom stess u l-għoti ta' kredibbiltà lis-sit web ospitanti).

Minbarra l-analiżi tal-provvista ta' oġġetti ffalsifikati u kontenut piratat, l-EUIPO studja wkoll in-naħa tad-domanda, jiġifieri, l-attitudnijiet taċ-ċittadini tal-UE fir-rigward tad-DPI u r-rieda tagħhom li jikkonsmaw oġġetti u servizzi li jiksru d-DPI. L-inċentivi għall-konsumaturi biex jixtru oġġetti ffalsifikati u biex jaċċessaw kontenut protett mid-drittijiet tal-awtur illegalment jinkludu prezzijiet aktar baxxi, aċċessibbiltà faċli u livell baxx ta' stigma soċjali assoċjata ma' tali attivitajiet.

B'rispons għal dawn l-iżviluppi, l-EUIPO, flimkien mas-sħab pubbliċi u privati, qiegħed iwettaq u jappoġġja għadd ta' azzjonijiet biex jingħelbu dawn l-isfidi. Dawn l-azzjonijiet ivarjaw minn dawk li jipprovdu lis-sidien tad-drittijiet b'informazzjoni dwar ix-xenarju tal-ksur li qed jinbidel, b'f'idma mal-Europol fuq rispons usa' għall-kriminalità tal-PI, mhux l-inqas billi jipparteċipaw fil-finanzjament ta' unità speċjalizzata tal-kriminalità tal-PI fi f'idan l-Europol, filwaqt li jappoġġjaw l-isforzi tal-Kummissjoni Ewropea biex tindirizza l-provvista ta' oġġetti ffalsifikati f'pajjiżi terzi u biex tgħin lill-intrapriżi Żgħar u ta' Daqs Medju (SMEs) jiproteġu d-DPI tagħhom, u ttiprovdi liċ-ċittadini b'informazzjoni dwar id-disponibbiltà ta' kontenut diġitali legalment aċċessibbli u dwar l-impatt ekonomiku u soċjali ta' xiri ta' oġġetti ffalsifikati jew aċċess għal kontenut diġitali b'mod illegali.

